MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali – Il-Gudja

# Is-SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 113/7

It-Tlieta 27 ta' Novembru 2018

Il-Kunsill Lokali tal-Gudja ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 88 Triq Raymond Caruana, il-Gudja fis-6.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

John Mary Calleja – Sindku
Romeo Baldacchino – Viċi Sindku
Mark Anthony Sammut – Kunsillier
Stefan Caruana – Kunsillier
George Fenech – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Nil

ASSENTI

Nil

UFFIĊJALI PREŻENTI:

Ranier Busuttil – Aġent Segretarju Eżekuttiv
Joseph M Formosa – Uffiċjal

AĠENDA

113.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;

113.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (111/7 [23/10/18]; 112/7 [05/11/18])

113.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;

113.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri;

113.5 Rapporti;

113.6 Temi oħra tal-Kunsill Lokali;
a. Ħaddiema assenjati mal-Kunsill
b. Ċelebrazzjonijiet tal-Milied 2018 u l-Ewwel tas-Sena 2019

113.7 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;

113.8 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

---------------------------------------------------------

## Minuti

### Tmexxija u ftuħ tal-laqgħa

Is-Sindku s-Sur John Mary Calleja ppresieda l-laqgħa. Il-laqgħa bdiet fis-6.08pm wara talba qasira minn dawk kollha preżenti.

**113.0.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

113.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

**113.2.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti (111/7 [23/10/18]; 112/7 [05/11/18])**

113.2.1 Dawn il-minuti li ġew iċċirkulati għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa ġew meħuda bħala moqrija b'mod unanimu.

Is-Sindku ppropona u l-Viċi Sindku ssekonda li dawn il-minuti 111/7 23/10/2018 u l-minuti 112/7 05/11/18 jiġu approvati.

Dawn il-minuti ġew approvati.

**113.3.0 Komunikazzjoni mis-Sindku**

113.3.1 Xiri ta' kotba b'risq il-Community Chest Fund. Is-Sindku qal li sabiex isostni lil Community Chest Fund il-Kunsill xtara kotba ta' prestiġju li jistgħu jingħataw lill-dinjitarji li jżuru lill-Kunsill minn żmien għal żmien u 5 kotba tat-tisjir tal-Community Chest Fund li se jitqassmu b'omaġġ lill-Kunsilliera kollha għas-somma ta' €530.00.

Il-Kunsill, b'mod unanimu, approva dwar dak li qal is-Sindku. Il-Viċi Sindku ppropona u l-Kunsill b'mod unanimu approva, li tinxtara kopja oħra tal-ktejjeb tat-tisjir li jitpoġġa bħala referenza fil-librerija tal-Kunsill.

113.3.2 Laqgħat mal-WSC. Is-Sindku informa lill-Kunsill dwar diversi laqgħat mal-WSC dwar ħlas ta'kontijiet li jlaħħqu 'l fuq minn €50,000.00 għal xogħlijiet fit-toroq rurali li jaffettwaw il-proġett skont il-Miżura 4.3.

Is-Sindku qal li l-WSC qed tinsisti li hemm ftehim mal-AKL u għalhekk il-Kunsill irid jimxi ruħu ma' dan il-ftehim.

Is-Sindku qal li l-Kunsill baqa' jinsisti li l-Kunsill ma kienx ingħata tagħrif dwar dawn l-ispejjeż anke meta l-Kunsill kien staqsa dwar dan aktar minn sena ilu.

Is-Sindku qal li l-aġir tal-WSC kien qed ifisser dewmien li jingħata bidu għall-proġett kif ukoll riskju serju li jintilfu l-fondi tal-Ewropa ta' madwar €750,000.00.

Is-Sur Baldacchino waqt l-intervent tiegħu qal li wieħed ma jistax jifhem l-aġir tal-WSC meta dawn is-servizzi huma antiki ħafna għaliex it-toroq rurali ma nqalgħu qatt.

Is-Sindku qal li wara ħafna negozjati mal-WSC, il-WSC qablet li tagħmel tajjeb għall-ispejjeż fit-toroq Tal-Lampat u ta' Victor Pasmore iżda baqgħet tinsisti lil-Kunsill għandu jħallas għall-ispiża kollha tat-toroq Ta' Loreto li taqbeż il-€50,000.00.

Is-Sur Fenech qal li l-WSC li għalkemm kienet ilha taf b'dan il-kont, infurmat lill-Kunsill dwar dan fl-aħħar ħinijiet meta l-Kunsill ma kellu l-ebda possibilità li jirkupra dawn l-ispejjeż minn fondi oħra.

Is-Sur Baldacchino qal li mhux sewwa li minħabba l-atteġġjament tal-WSC il-Kunsill ikun qed jirriskja li jitlef il-fondi tant meħtieġa sabiex il-Kunsill iwettaq il-proġett.

Is-Sindku qal li huwa kien sejjer jibqa' jinsisti li ma jagħmel l-ebda ħlas u li jieħu passi oħra sabiex ma jitlifx il-fondi skont il-Miżura 4.3.

113.3.3 Tender Triq iż-Żebbuġa. Is-Sindku qal li wara li saru il-BOQs mill-Perit ta-Kunsill, il-Kunsill ħareġ it-tenders skont il-proċeduri stabbiliti.

Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill qed japplika sabiex il-proġett jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-UIF (Development Planning Fund).

113.3.4 Xogħlijiet fi Triq Sta Katarina, Triq Joseph Pace u Triq id-Dejqa. Is-Sindku qal li l-Perit tal-Kunsill qed jaħdem fuq il-BOQs rispettivi ta' dawn it-toroq li jsiru b'materjal li jixraq l-ambjent.

Is-Sindku qal li l-Kunsill sejjer jiġi infurmat aktar meta jkollu l-BOQs u li l-Kunsill sejjer ukoll japplika għall-finanzjament mill-fondi tal-UIF (Development Planning Fund)

Is-Sur Baldacchino intervjena billi qal li huwa sewwa li jsiru dawn it-toroq kif jixraq iżda l-Kunsill ma jistax ma jkollux fondi meħtieġa sabiex ikollu l-bini amministrattiv tiegħu li jkun aċċessibbli għaliex fil-fehma tiegħu l-Kunsill qed jikser il-liġi meta qed jopera minn bini mhux aċċessibbli għal kulħadd.

Is-Sindku wieġeb lil-Kunsill qed ikompli jaħdem sabiex jikseb lok li jkun jista' jew jibni jew jirranġa sabiex ikollu l-bini amministrattiv li jixraqlu u li jkun aċċessibbli skont il-ħtiġijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku stqarr li qed jagħmel tentattivi sabiex ikollu laqgħa mal-PA sabiex il-proġett tal-bini amministrattiv jiġi ffinanzjat mill-fondi tal-PA kif seħħ fil-bini tal-Kunsill tal-Fgura.

113.3.5 Ħaddiema tar-RISE. Is-Sindku qal li fil-preżent hemm 4 ħaddiema, 3 minnhom sejrin intemmu l-engagement tagħhom mal-Kunsill sa nhar il-Ġimgħa 30 ta' Novembru 2018 u jibqa' wieħed biss li sejjer ikompli bl-engaġġ tiegħu mad-District Operations Ltd.

Is-Sindku qal li dan il-ħaddiema qatgħu xogħol ta' ħaxix u u tindif fi Triq il-Karwija, wara d-Duluri, Triq il-Loġġa u Triq Ħal Safi. Il-Kunsill approva li dawn il-ħaddiem jingħataw kumpens ta' madwar €20 kuljum (bejniethom) għal ikel u xi ilma jew softdrinks.

113.3.6 Bin fi Triq il-Pluvieri. Il-Kunsill qabel li jinxtara kontenitur li jservi sabiex boroż ta' skart organiku jitpoġġa f'dan il-bin min-nies ta' din it-triq u b'hekk jitnaqqas ir-riskju li dawn il-boroż jitqattgħu minn qtates li hemm fl-inħawi.

Dan il-bin jiġi mħares mir-residenti tal-istess triq.

Saret diskussjoni dwar bins fi nħawi oħra iżda sar qbil li wieħed jikseb esperjenza dwar kif sejjer jimxi bin wieħed u wara l-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi skont kif ikun il-każ.

113.3.7 Attivitajiet tal-Milied u l-Ewwel tas-Sena 2019 – ħarġa għal Għawdex fl-14 ta' Diċembru 2018. Is-Sindku ta tagħrif dwar din l-attività u stieden lil kulħadd sabiex jattendu għal din il-ħarġa li daħlet fil-kalendarju tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li din il-ħarġa timxi u tiġi parzjalment iffinanzjata mill-Kunsill kif seħħ fi snin preċedenti għaliex din il-ħarġa għandha skop soċjali kif ukoll kulturali.

## 113.4.0 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri

113.4.1 Il-mistoqsijiet ġew imwieġba taħt is-sezzjoni 'Rapporti' u f'partijiet oħra f'dawn l-istess minuti.

**113.5.0 Rapporti**

113.5.1 Romeo Baldacchino (Viċi Sindku)

a. Brochure dwar ġbir ta' skart. Is-Sur Baldacchino ppreżenta brochure li huwa qal kien sejjer jitqassam qalb ir-residenti kollha tal-Gudja.

Is-Sur Baldacchino qal li dan il-brochure sejjer ikompli jgħin sabiex ikun aktar ordni bl-ġbir ta' kull tip ta' skart. Is-Sur Baldacchino qal li dan il-brochure ġie ffinanzjat mill-Greenpak.

b. Kaxxi suwed dwar valenu tal-ġrieden. Il-Kunsill qabel ma' dak li ppropona s-Sur Baldacchino u valenu sabiex jitpoġġew b'mod sigur f'bosta nħawi f'madwar il-Gudja anke viċin tal-għelieqi speċjalment fil-Housing Estate tal-Mitħna.

c. Tenders knis u latrini pubbliċi. Il-Viċi Sindku qal li saru l-preparazzjonijiet meħtieġa sabiex joħorġu t-tenders għal servizz ta' knis u oħra għaż-żamma u manutenzjoni tal-latrini pubbliċi.

113.5.2 Mark Anthony Sammut (Kunsillier)

a. Stqarrija tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-bye-law dwar parkeġġ ġewwa l-Gudja. Is-Sur Sammut għamel referenza għall-press release li s-Sindku ħareġ f'isem il-Kunsill li din il-bye-law ma tistax tidħol fis-seħħ fl-14 ta' Novembru 2018 peress li ma hemmx approvazzjoni uffiċċjali dwar dan.

Is-Sur Sammut staqsa 'Min approva din l-istqarrija mill-Kunsill?" Ma kienx hemm tweġiba.

Is-Sindku sostna li dak li ma setax jagħmel il-Kunsill huwa li jaqbel ma' dak li ġie avżat mis-Sur Sammut u mis-Sur Caruana għaliex dak propost minnhom ikun ifisser li l-Kunsill ikun ħa l-liġi b'idejh, ħaġa li tista' tkun ta' detriment kbir għall-Kunsill kif ukoll fil-konfront personali tal-Kunsilliera kollha inkluż is-Sur Sammut u s-Sur Caruana.

Is-Sur Baldacchino qara l-press release.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana stqarru li s-Sindku ma kellu l-ebda awtorità li joħroġ press release f'isem il-Kunsill meta jidher ċar li din il-press release ma kellhiex l-approvazzjoni tal-Kunsill.

Saret diskussjoni dwar dak li għamel il-Kunsill u dwar kif l-Avukat imqabbad mill-Kunsill ma mexiex u ma eżekwixiex it-talba tal-Kunsill billi jinforma lill-Ministru li l-Kunsill kien sejjer jaġixxi.

Is-Sindku kompla jinsisti li dak li għamel kien bi skop li ma jsirux żbalji billi l-pubbliku jiġi żgwidat għaliex kien qed jibża’ li l-konsegwenzi setgħu kienu devastanti u li l-Kunsill ikun jista’ jinstab ħati li ħa l-liġi b’idejh.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana insistew bil-preżentazzjoni tad-dikjarazzjoni tagħhom, kif huma stess emendaw u li tinsab parti integrali ma’ dawn l-istess minuti (immarkata Doc MAS/SC).

Is-Sindku stqarr li huwa kien solidali mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera l-oħra kollha li jagħmel dak kollu possibbli li din il-bye-law tidħol fis-seħħ skont il-liġi mill-aktar fiss possibbli.

Tqajmu diversi punti iżda l-punti prinċipali, barra minn dak li ntqal aktar ‘il fuq kien li l-Kunsill kien qed iħossu li kien hemm min qed jgħaddih biż-żmien u li kien wasal f’sitwazzjoni disperata li filwaqt li fuq naħa waħda r-residenti jagħfsu fuq il-Kunsill għal soluzzjoni filwaqt li l-awtoritajiet jidhru li mhux sensittivi għal ħtiġijiet kemm tal-Kunsill b’mod ġenerali kif ukoll tar-residenti li ta’ kuljum ma’ jsibux lok li jipparkjaw il-vettura tagħhom għaliex ħafna vetturi ta’ persuni mhux residenti fil-Gudja jkun ipparkjati għal jiem, ġimgħat u anke xhur ġewwa l-Gudja u jokkupaw l-ispazju tal-parkeġġ possibbilment disponibbli għar-residenti tal-Gudja.

Kemm is-Sur Sammut kif ukoll is-Sur Caruana insistew li fil-fażi preżenti, u peress li l-Ministru Dr. Owen Bonnici ma qal xejn dwar il-bye-law kif proposta, issa kulma kien jonqos huwa li jkun hemm pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern, tad-data u meta din il-bye-law tidħol fis-seħħ.

113.5.3 Stefan Caruana (Kunsillier)

a. Attivitajiet tal-Milied 2018 u l-Ewwel tas-Sena 2019.

Kunċert tal-Milied imtella’ mill-Kor Assunta Est bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 19 ta’ Diċembru 2018 fis-7.15pm ġewwa l-Knisja Arċimatriċi u Arċipretali Santa Marija, il-Gudja.

Milied ta’ Dari – il-Ġimgħa 28 ta’ Diċembru 2018 mill-5pm ‘il quddiem maġenb il-Knisja tal-Annunzjata fi Triq Sta Marija, Triq l-Annunzjata u l-madwar. Sejjer ikun hemm Presepju ħaj, esebizzjoni ta’ presepji statiċi, kant tradizzjonali tal-Milied u ikel Malti.

Is-Sur Caruana stieden kemm lis-Sindku, lill-Viċi Sindku u l-Kunsilliera kollha sabiex ikunu preżenti u jħajru persuni oħra sabiex jattendu u jgawdu flimkien dawn l-attivitajiet li jittellgħu mill-Kunsill.

Il-Kunsill approva dak li qal is-Sur Caruana u qabel li jkun hemm il-finanzjament kif meħtieġ.

113.5.4 George Fenech (Kunsillier)

a. Ktieb ta' Loreto Dalli (Il-Gudja Għeruq Tfuliti) – ftehim mal-BDL. Is-Sur Fenech qal li kien hemm il-ħsieb li l-BDL jixtri l-kotba, madwar 550, bi prezz ta' €2.30-il wieħed b'mod esklussiv.

Il-Kunsill qabel u approva dwar dak li qal is-Sur Fenech.

b. Laqgħa dwar il-Health and Safety. Is-Sur Fenech qal li f'isem il-Kunsill attenda din il-laqgħa fejn ġie infurmat li l-OHSA ħarġet 65 ċitazzjoni, fosthom lill-Kunsill Lokali tal-Gudja iżda jirriżulta li l-OHSA naqset li tinforma l-Kunsill dwar in-nuqqasijiet fl-osservanza tal-liġi rigwardanti s-saħħa u l-ħarsien fuq il-post tax-xogħol.

Is-Sur Fenech qal li hemm link OHSA ORIA rigward lista ta' risk assessment u li l-Kunsill għandu jikseb aktar tagħrif dwar dak meħtieġ.

c. Għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali. Is-Sur Fenech informa lill-Kunsill illi huwa flimkien mas-Sur MA Sammut attendew il-funzjoni li saret fl-okkażjoni tal-għeluq tal-25 sena mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali u li laqgħu tifkiriet f'isem is-Sindku għall-familjari ta' dawk li ħallew din id-dinja u li kienu kunsilliera fil-Kunsill Lokali tal-Gudja.

d. Allegazzjoni. Is-Sur Fenech staqsa lis-Sindku jekk ġabx provi biex jissostanzjaw l-allegazzjoni tiegħu meta f'laqgħa preċedenti s-Sindku li s-Sur Fenech qed jaħdem minn wara dahar il-Kunsill.

Is-Sindku wieġeb li ma kienx lest li jidħol f'din il-materja waqt din il-laqgħa. Is-Sur Fenech irribata billi qal li ġie injorat u li iżda jħoss li s-Sindku għandu jagħmel apoloġija fil-konfront tiegħu.

**113.6.0 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali**

113.6.1 Ħaddiema assenjati mal-Kunsill. Din it-tema diġà ġiet diskussa aktar 'il fuq f'dawn l-istess minuti.

113.6.2 Ċelebrazzjonijiet tal-Milied 2018 u l-Ewwel tas-Sena 2019. Din it-tema diġà ġiet diskussa f'diversi parti f'dawn l-istess minuti.

**113.7.0 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

113.7.1 Is-Sur Fenech talab aktar informazzjoni dwar il-kontijiet tan-Nexos.

Is-Sur Fenech stqarr li kien jinsab sodisfatt bl-informazzjoni li ngħata.

Il-lista ta' pagamenti nru 62/7 hekk kif ippreżentata u pproponuta mill-Viċi Sindku u ssekondata mill-Kunsillier G. Fenech għall-ammont totali ta' €19442.40 ġiet approvata.

**113.8.0 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

113.8.1 Arbitraġġ Pada Builders vs Kunsill Lokali tal-Gudja. Talba għall-pagamenti ta' ħlas ta' €23000.00 dwar proġett ta' toroq u ġibjun f'Ta' Xlejli liema xogħol tlesta 12-il sena ilu u kien iffinanzjat bejn il-Kunsill u l-ADT.

Il-Kunsill ġie infurmat li dan il-każ għadu għaddej.

Il-Kunsill filwaqt li qabel li jagħti kull sostenn lil uffiċjali tal-Kunsill li qed jassistu dan il-każ, reġa' tenna li peress li l-PADA baqgħet ma sosteniex b'dokumenti xierqa u provi oħra suffiċjenti , il-Kunsill għandu jibqa' jinsisti li dan l-ammont mhux dovut u għalhekk ma għandux jagħmel pagament għaliex jekk jagħmel dan ikun qed jikser il-liġi finanzjarja dwar il-Kunsilli Lokali.

113.8.2 Ikla tal-Kunsill. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien qed jipprepara li jinsab lok f'xi lukanda sabiex tiġi organizzata l-ikla kif sar fi snin preċedenti.

Wieħed jespira li kulħadd ikun jista' jiġi għal din l-ikla sabiex il-Kunsilliera bil-mistednin tagħhom (li jħallsu separatament) u l-impjegati tal-Kunsill bil-mistednin tagħhom, jaqsmu l-ferħ tal-Festi tal-Milied u s-sena l-ġdida.

113.8.3 Xiri ta' 50 borża ta' cold asphalt. Is-Sindku ppropona u l-Kunsill qabel li jinxtraw 50 borża tarmak sabiex isiru tiswijiet f'diversi toroq fil-Gudja.

113.8.4 Xogħlijiet fi Triq Bur Ġlat u fil-kantuniera (biċċa art) li tmiss ma' Bir Miftuħ u mat-triq arterjali Dawret il-Gudja. Il-Kunsill qabel li jitlob lill-Infrastructure Malta li tinkludi dawn l-inħawi fil-proġett tax-xogħol li qed isir fl-inħawi tal-madwar.

113.8.5 Stedina lill-Arċipriet Fr. Norman Zammit. Il-Kunsill qabel li jistieden lill-Arċipriet li jiġi għand il-Kunsill waqt il-laqgħa tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2018 sabiex b'mod formali tiġi sanata l-ħidma tal-Kunsill u dik tal-Parroċċa b'risq il-komunità tal-Gudja.

113.8.6 Peress li t-temi kollha fuq l-aġenda ġew eżawriti, is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8.03pm. Is-Sindku aġġorna l-laqgħa għat-Tlieta 11 ta' Diċembru 2018 fis-6.00pm fuq aġenda li tiġi ċċirkulata għand il-Kunsilliera kollha qabel il-laqgħa.

Konfermati, illum ________________________

John Mary Calleja
Sindku

Ranier Busuttil
Aġent Segretarju Eżekuttiv